MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 619/2006

**Rosaria *sive* Lucy Mifsud detentrici tal-karta tal-identita` 207042 (M).**

**vs.**

**Philip u Liliana Maria konjugi Cassar detenturi rispettivament tal-karta tal-identita` 437956(M) u 36658(M) u b'digriet tal-20 ta' Dicembru 2007 gew kjamati in kawza Morgan Azzopardi u Charmaine Zammit u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2009 giet kjamata fil-kawza Pauline Scerri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat datat 5 ta' Lulju 2006.

Rat ir-rikors tal-kjamata fil-kawza Pauline Scerri datat 8 ta' April 2010 fejn esponiet:-

Illi hija giet notifikata b'rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh fid-19 ta' Jannar 2001.

Illi f'dak il-perjodu hija kienet tinsab fi stat ta' depressjoni minhabba separzzjoni personali kif jirrizulta mir-rapport mediku anness u mmarkat bhala Dok. "A".

Illi ghalhekk bi zvista u anke peress illi giet infurmata mill-kjamat in kawza Morgan Azzopardi illi kienet xhud u mhux parti mill-kawza odjerna, hija ma rrispondietx fiz-zmien mitlub fil-ligi.

Illi l-Avukati Dr. Fredrick Ellul u Dr. Martin Fenech infurmaw il-Qorti fis-seduta ta' 29 ta' Marzu 2010 illi ma kienux se jopponu ghall-prezentati tar-risposta tardiva taghha.

Ghaldaqstant l-esponent umilment titlob bir-rispett illi din il-Qorti toghgobha tawtorizza illi l-esponent tipprezenta r-risposta taghha.

Rat id-dokument anness mar-rikors ta' Pauline Scerri li huwa certifikat mediku.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-20 ta' April 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Fredrick Ellul ghall-kjamat in kawza, Dr. Mark Attard Montalto ghall-attrici, u Dr. Juliana Scerri Ferrante ghall-kjamat in kawza, Dr. Martin Fenech ghall-konvenut Philip Cassar u l-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti. Il-Qorti giet infurmata li l-kjamata in kawza Pauline Scerri pprezentat rikors sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha li ghad irid jigi notifikat ghalkemm Dr. Martin Fenech ghall-konvenut Philip Cassar u Dr. Frederick Ellul ghall-kjamat in kawza Morgan Azzopardi mhux qed jopponu ghal tali talba. Il-kawza giet differita sabiex issir tali notifika lill-kjamat in kawza ghall-affidavits taghha, bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti, u ordnat li tinzamm seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti ghall-kontro-ezamijiet jekk ikun il-kaz tax-xhieda dwar il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, tali seduta ga ffissata ghat-

18 ta’ Gunju 2010 f’nofs inhar. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-22 ta’ Gunju 2010.

Rat in-nota ta’ Pauline Scerri datata 7 ta’ Mejju 2010 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha (Dok “A”).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddem il-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti fit-18 ta’ Gunju 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-23 ta’ Novembru 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Mark Attard Montalto ghall-attrici, Dr. Martin Fenech ghall-konvenuti, Dr. Frederick Ellul ghall-kjamat in kawza Morgan Azzopardi u Charmaine Zammit u Dr. Juliana Scerri Ferrante ghall-kjamata in kawza Pauline Scerri. Dr. Mark Attard Montalto rrinunzja ghall-kontro-ezami ta’ Dr. Antoine Ellul. Il-kawza giet differita sabiex tinghata decizjoni dwar il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja ta’ Pauline Scerri ghas-27 ta’ Jannar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din id-decizjoni titratta dwar it-talba tal-kjamata in kawza promossa fir-rikors taghha datat 8 ta’ April 2010, sabiex l-istess kjamata in kawza tiggustifika l-kontumacja taghha ghaliex qed issostni li hija ma pprezentatx risposta guramentata ghaliex kienet dak iz-zmien issofri minn dipressjoni u wkoll ghaliex giet svijata mill-kjamata in kawza Morgan Azzopardi li hija giet biss imharrka bhala xhud.

Illi din il-Qorti gia kellha okkazjoni tippronuncja ruhha fuq l-istitut tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Illi kif intqal diversi drabi l-validita` tan-notifika ghall-finijiet procedurali ma teskludiex illi l-konvenut jista’ jiggustifika l-kontumacja

tieghu jekk ikollu raguni tajba. Kieku kull darba li jigi ppruvat li saret notifika skont l-istess artikolu, kellu jigi prekluz mill-purgazzjoni tal-kontumacja, kienet tmur ghal kollox inutili w ozzjuza d-disposizzjoni tal-**artikolu 158 (10) tal-Kap 16** illi tippermetti lill-konvenut juri lill-Qorti li kellu raguni tajba (*reasonable cause*) ghan-nuqqas tieghu (**"Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici"** – A.C. 12 ta' Dicembru 1995 – **"Silvio Buttigieg vs Image Systems Limited**" – P.A. (RCP) - 18 ta' Mejju 2000).

Illi l-istat tal-kontumacja huwa bbazat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bic-citazzjoni u hija din id-disubbidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik hija element ta' dizordni socjali. (**"Joseph Vella proprio et noe vs John Vella"** – A.K. 21 ta' Mejju 1993).

Illi din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"David Jones et vs Joe Pace et"** (Citazz Nru 1302/97/RCP) deciza fis-16 ta' Novembru 1998, il-parametri tal-istess kuncett gew riaffermati fis-sens li minn naha wahda il-Qorti trid ikollha konvinciment morali tal-aspett negattiv tal-konvenut jew kjamat fil-kawza, sabiex jigi osservat il-principju *'audi alteram partem'* u minn naha l-ohra *"ma jridx ikun hemm negligenza tal-parti jew tal-mandatarju taghha, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm 'il-culpa' u f' dak il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sestit non videtur damnum sentire"* (Appell. **"Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici"** deciza fit-12 ta' Dicembru 1970; **"Alexander Grech et vs Mamma Mia Company Limited"** P. A. (RCP) 29 ta' Marzu 2007).

Illi fil-kawza **"Albert Mizzi noe vs Id-Direttur tax-Xoghlijiet"** (P.A. (M) 19 ta' Frar 1990 - Vol. VLXXIV) il-Qorti sostniet li l-**artikolu 187 (1) tal-Kap. 12** ghandu jigi nterpretat fis-sens illi jekk il-konsenja tal-kopja tal-att issir lil wahda mill-persuni indikati mill-ligi ghandu jigi prezunt ghall-finijiet tan-notifika illi hija waslet ghand id-destinatarju. Dan pero, ghall-finijiet tal-purgazzjoni tal-kontumacja (ezercizzju li prattikament jippistula notifika

procedurali valida, ghax altrimenti l-persuna interessata timxi proceduralment mod iehor) ma jipprekludiex lill-persuna li kellha tigi u guridikament giet notifikata izda qatt ma giet murija l-att mill-persuna li rcevietu u bil-ligi setghet tircevieh; illi fil-kazijiet kongrui tfittex l-imsemmija purgazzjoni.

Illi kemm f'dan il-kaz citat u kemm fil-kaz **"Alfred Piscopo vs Direttur tas-Servizzi Socjali"** (A.C. 4 ta' Mejju 1992 – Vol. LXXXI. 293) inghad li meta jkun *"hemm inkompetenza u/jew negligenza da parti ta' l-addetti tal-konvenut, pero ma jidhirx li sal-mument li kien ghaddej it-terminu ta' 20 jum kellu xi kontroll jew mezz l-istess konvenut biex jirrispondi".* L-istess inghad fis-sentenza **"Paul Vella et vs Anthony Ellul"** (P.A. (JSP) 4 ta' Lulju 1991) fejn gie applikat l-istess principju meta n-nuqqas ikun minn membru tal-familja tal-konvenut – dan ibbazat fuq il-principju li *"jekk ma jkunx hemm ebda nuqqas da parte tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa:- "ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata".*

Illi mir-rikors tal-kjamata fil-kawza l-allegazzjoni li saret kienet li l-kjamata fil-kawza kienet fil-mument li irceviet l-atti tal-kawza tbati minn dipressjoni anke minhabba proceduri ta' separazzjoni li kienet ghaddejja minnhom u dan jinsab ikkonfermat minn certifikat mediku ta' Dr. Antoine Ellul datat l-1 ta' April 2010 mahluf fl-24 ta' Gunju 2010. Fil-fatt ma jidhirx li dan gie b'xi mod kontestat, u jidher li ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-istess kjamata in kawza kienet medikament impeduta sabiex tirrispondi ghall-istess atti tal-kawza fit-terminu utili minhabba c-cirkostanzi partikolari li kienet ghaddejja minnhom u fil-verita' jirrizulta li qatt ma kellha intenzjoni li ma tirrispondiex ghall-kawza attrici jew turi xi disrispett lejn il-Qorti u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghha tat-8 ta' April 2010 qed tigi milqugha fis-sens li l-istess kjamata in kawza ggustifikat il-kontumacja taghha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fin-nuqqas ta' opposizzjoni minn naha tal-partijiet kollha fil-kawza, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti, l-kjamata fil-kawza Pauline Scerri, fir-rikors taghha datat 8 ta' April 2010** b'dan li tiddikjara li l-kjamata fil-kawza ggustifikat il-kontumacja taghha u konsegwentement taghti lill-istess kjamata fil-kawza l-fakolta' li tipprezenta r-risposta guramentata taghha fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni bin-notifika lid-difensuri tal-partijiet kollha u tal-kjamata fil-kawza l-ohra.

L-ispejjez ta' dan id-decizjoni huma a karigu tal-kjamata fil-kawza Pauline Scerri.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------